MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 42/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ryan Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ryan Briffa talli fil-11 ta' Marzu 2005, ghall-habta ta’ 15.30hrs., f’Paola Hill, Paola;

1) saq vettura KAV-165 b’manjiera traskurata;
2) saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza;
3) saq l-imsemmija vettura bla kont;
4) saq l-imsemmija vettura b’giri aktar milli jmissu.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Ryan briffa jigi skwalifikat mil-lienzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Frar 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 u MVR 127, iddikjarat ir-raba’ imputazzjoni preskritta izda sabet lill-imsemmi Ryan Briffa hati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-multa ta’ sittin liri Maltin (Lm60), kif ukoll skwalifikatu mil-licenzji kollha tas-sewqan ghal perijodu ta’ tliet xhur;
Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Ryan Briffa pprezentat fl-24 ta’ Frar 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja w timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati tar-raba’ imputazzjoni dedotta kontra tieghu, tirrevokaha u thassarha in kwantu sabitu hati ta’ l-ewwel tliet imputazzjonijiet u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant fil-qosor huma s-segwenti: (1) ghalkemm l-appellant jammetti li kien ghaddej daqsxejn mghaggel, dan kien ghax dak il-hin kien marid b’imsarnu u f’ebda hin ma saq b’mod perikoluz, traskurat jew bla kont; (2) minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena, u partikolarment l-iskwalifika, hija eccessiva.

Ix-xiehda mismugha minn din il-Qorti tista’ tigi riassunta hekk:

**P.C. 915 Joseph Abela** ikkonferma l-affidavit anness mac-citazzjoni. Fl-affidavit jghid illi kien xoghol gewwa Triq Valletta limiti ta’ Rahal Gdid u nnota vettura KAV-165

ghaddejja b'velocita` aktar milli jmissha. Jghid li nnotaha tinsaq fil-karreggjata tal-faccata sserrep u taqbez vetturi ohra li kienu qed jinstaqu fl-istess direzzjoni taghha. Dawwar ghal warajha meta s-sewwieq sema' s-sireni tal-mutur, waqaf mal-genb. Saqsa lis-sewwieq, li kien l-appellant, ghaliex kien qed isuq b'dak il-mod meta kien f'zona fejn kien hemm studenti li kienu ghadhom hergin mill-iskola, u wiegeb li kellu ragunijiet personali tieghu. Quddiem din il-Qorti mbaghad ix-xhud stqarr li l-vettura kienet tiela' bi speed aktar min-normal fid-direzzoni ta' Rahal Gdid u zied jghid li kien hemm xi studenti li ngibdu lura u ohrajn li ghagglu aktar biex jaqsmu. Stqarr li seta' kien ta' periklu. Illum fuq il-post hemm zebra corssing u hemm hadid.

**L-appellant** xehed illi huwa minnu li kien qieghed isuq ftit aktar min-normali izda obda lill-Pulizija mill-ewwel u qallu li sejjer il-latrina ftit aktar 'il fuq. Sostna li ma ma darx perikoluz, li ma darx bit-tyres iwerzqu, li ma darx fuq zewg roti, izda li dar naqra hafif. Qal li nies ma kienx ser itajjar, li nies fuq il-bankina jkun hemm izda ma kien sejjer itajjar lil hadd. Sostna li dar normali minghajr ma qabez il-line tan-naha l-ohra. Qal li xoghlu bil-hanut, ibiegh affarijiet ta' karrozzi u hu responsabbli biex imur igib ix-xoghol il-hanut.

Minhabba xi sottomissjonijiet li saru mill-abbli difensur ta' l-appellant dwar l-uzu tal-karreggjata mill-"pedestrian", tajjeb li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tal-25 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anna Rita sive Anita Camilleri**:

**"Illi gie ritenut *'in subiecta materia'* illi l-'pedestrian', ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-'pedestrian' ikun negligenti pero`, dan ma jassolvix lid-'driver' tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet mill-'pedestrian' krejata lid-'driver', bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli li rrendiet**

**impossibbli, jew mhux ragjonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva ….**

**Mill-banda l-ohra pero` gie ukoll ritenut li driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-'sudden emergency' meta l-emergenza jkun holoqha hu (App. Kriminali: 'Il-Pulizija vs Capt. A. Gera [13.12.1968]). Dan ghaliex f'kaz simili d-driver ikun qieghed isofri minn 'self inflicted incapacity' effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.**

**Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir teghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche` dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (App. Kriminali: 'Il-Pulizija vs Gaetano Schembri' (16.3.1961); 'Il-Pulizija vs John Polidano' (3.11.1963; 'Il-Pulizija vs Rev. C. Mifsud' (XXXVII.iv.1131) u ohrajn). Dana ghaliex 'contributory negligence' ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru (Vol. XXXVIII.iv.883)."**

F'dan il-kaz, l-appellant jammetti li kien ghaddej ftit aktar min-normali, u dan ghax kellu bzonn jasal malajr sal-latrina li hemm ftit aktar 'il fuq minn fejn twaqqaf mill-Pulizija. Filwaqt illi l-Qorti tifhem ir-raguni li ta, din xorta ma tistax titqies bhala gustifikazzjoni li jsuq bi speed elevat proprju f'post fejn l-appellant jaf li kien ikun hemm studenti hergin mill-iskola li jaqsmu l-karreggjata proprju minn fejn kien ghaddej hu. Naturalment din il-Qorti taccetta l-verzjon ta' l-appellant li dak il-hin li kien ghaddej ma kien hemm hadd li kien qieghed jaqsam proprju ghax ix-xhud tal-prosekuzzjoni fl-affidavit tieghu ma semmiex li kien hemm min kien qieghed jaqsam u llimita ruhu biex jghid illi "kien hemm studenti li kienu ghadhom hergin mill-iskola". Ovvjament, il-fatt li huwa nnota li ma kien hemm hadd qieghed jaqsam ma jfissirx li xi hadd ma kienx jipprova jaqsam u dan kien igib lill-appellant f'sitwazzjoni ta' *self-inflicted incapacity*. Izda l-fatti huma dawk li huma u, biex persuna tigi kkundannata minhabba l-manjera ta' sewqan tieghu, m'hemmx ghalfejn li attwalment ikun sehh is-sinistru. Li jrid jigi stabbilit pero` huwa l-grad ta' sewqan

hazin ta’ l-appellant, sewqan li ma kienx indikat ghall-post mnejn kien ghaddej.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta’ Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

**“Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta’ 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan ‘bi traskuragni kbira’. Din it--tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta’ hsara li tista’ tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta’ perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta’ l-incident u l-presenza o meno ta’ traffiku iehor jew ta’ nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f’kaz partikolari jista’ jaqa’ taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta’ sewqan, f’liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta’ konkors ta’ reati. Ghall-finijiet ta’ piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta’ sewqan traskurat hu kompriz u involut f’dak ta’ sewqan bla kont u f’dak ta’ sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)”.**

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

**"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".**

Din il-Qorti hi tal-fehma, fid-dawl tal-brani sucitati u tal-provi rizultanti, li fil-kaz in ezami s-sewqan ta' l-appellant ma jistax jigi deskritt bhala perikoluz peress li mhijiex soddisfatta li hemm bizzejjed evidenza ta' *"recklessness"* fis-sewqan tieghu. Difatti l-enfazi li ghamel ix-xhud tal-prosekuzzjoni fix-xiehda tieghu lit a *viva voce* quddiem din il-Qorti kienet fuq li l-appellant kien qieghed isuq bi speed mhux normali. Mill-banda l-ohra m'hemm l-ebda dubbju li, proprju minhabba l-fatt li kien hemm numru ta' studenti fiz-zona, kif ammess mill-istess appellant, is-sewqan tieghu ghandu jigi klassifikat bhala sewqan traskurat. Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament fis-sens illi qed tirriforma s-sentenza appellata u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u in kwantu skwalifikatu mil-licenzji tieghu tas-sewqan

ghal perijodu ta’ tliet xhur u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tiskwalifikah mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' tmint ijiem minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada, u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------